# IT-TRASPORT MULTIMODULARI

Din il-paġna hija miġjuba lilkom mill-
**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U PROĠETTI KAPITALI**

Transport Malta

ta' Laura Galea,
Assistant Manager Sustainability & EU Affairs,
L-Awtorità għat-Trasport f'Malta



***IT-TRASPORT MULTIMODULARI HUWA KUNĊETT RELATTIVAMENT ĠDID, KEMM GĦALL-GŻEJJER MALTIN KIF UKOLL GĦALL-KUMPLAMENT TAD-DINJA.***

***XI JFISSER "TRASPORT MULTIMODULARI"?***

Meta ngħidu trasport multimodulari nkunu qegħdin nirreferu għal meta oġġetti jew anke individwi jkunu jridu jmorru minn post għal ieħor għal ċerta distanza u ma jużawx mezz wieħed biss ta' trasport. Bħala mezzi ta' trasport insibu diversi tipi li jintużaw, pereżempju l-karozza privata, il-karozza tal-linja, il-minibuses, ir-roti u anke meta mmorru minn post għal ieħor bil-mixi. It-trasport multimodulari jista' jintuża wkoll fuq livell internazzjonali u mhux nazzjonali biss, speċjalment meta l-pajjiż ikun jiddependi ħafna mill-importazzjoni u l-esportazzjoni. Is-settur marittimu, dak tal-avjazzjoni u saħansitra dak tal-art jistgħu jagħtu s-sehem tagħhom.

Allura, tgħiduli intom, għalfejn għandna nużaw it-trasport multimodulari u mhux tip wieħed biss ta' trasport? Aħna mhux l-importanti li naslu minn fejn inkunu sa fejn għandna bżonn immorru? Tgħiduli mhux aktar faċli li naqbad mezz ta' trasport wieħed, bħal ngħidu aħna l-karozza privata? Meta nużaw il-karozza privata biex immorru minn post għal ieħor ma nkunu nistgħu nagħmlu xejn aktar waqt li nkunu qegħdin insuqu, għax huwa importanti ħafna li jkollna moħħna hemm fit-triq u nsuqu bil-galbu u r-rispett lejn kull min ikun qed juża t-triq bħalna. Xħin naslu fid-destinazzjoni tagħna jkun għad fadlilna nsibu parkeġġ, u bħalma nafu dan huwa biċċa wġigħ ta' ras oħra!

Ejjew issa naraw x'jiġri jekk nużaw tipi differenti ta' trasport minflok wieħed biss. Jekk ser immorru nagħmlu xi qadi l-Belt Valletta nistgħu nitilqu mid-dar tagħna bil-karozza privata sakemm naslu sa xi park and ride u minn hemmhekk naqbdu l-karozza tal-linja, li twassalna sad-destinazzjoni finali tagħna. Waqt li nkunu fuq il-karozza tal-linja nistgħu noqogħdu naqraw xi ktieb jew ngħidu kelma, u xħin naslu ma għandniex problemi ta' fejn ser nipparkjaw il-karozza; inżilna u tlaqna nduru mal-familja jew il-ħbieb.

Ma ninsewx ukoll li waqt li nkunu qegħdin induru nkunu qegħdin ukoll nużaw lilna nfusna bħala mezz ta' trasport, għax inkunu qegħdin nużaw saqajna kif ukoll inkunu qegħdin inżommu ruħna aktar attivi. Xħin ġejna biex immorru lura d-dar nistgħu jew nerġgħu naqbdu l-karozza tal-linja jew nużaw il-ferry, li jaħdem għal rotot partikolari, imbagħad finalment nerġgħu nużaw il-karozza privata tagħna għall-aħħar parti tal-vjaġġ. X'għamilna hawn? Qattajna ġurnata jew ftit sigħat prezzjużi mal-familja, il-ħbieb eċċ. u użajna mezzi differenti ta' trasport, konna aktar rilassati, frankajna l-flus u anke konna aktar sostenibbli, għax bil-ftit tagħna naqqasna t-tniġġis mill-arja, speċjalment meta użajna l-karozza tal-linja, il-ferry u anke meta mxejna.

Dan huwa ftit tagħrif fuq it-trasport multimodulari, u issa li ġejjin il-vaganzi tal-Milied nistgħu ninkoraġġixxu lill-ġenituri tagħna biex nużawh iktar, ħalli filwaqt li ngawdu aktar lil xulxin inkunu aktar sostenibbli u nieħdu ħsieb l-ambjent ta' madwarna, kemm għalina stess kif ukoll nippruvaw inħallu ambjent aħjar għall-ġenerazzjonijiet ta' warajna.

***WARA LI QRAJTU DAN L-ARTIKLU FUQ IT-TRASPORT MULTIMODULARI GĦADKOM TAL-ISTESS OPINJONI LI AĦJAR TUŻAW MEZZ WIEĦED BISS TA' TRASPORT?***